


# IL-MISSJUNARJU

*Newspaper post | Ħarġa Nru: 122 | Settembru - Novembru 2019*


## HENJIN DAWK LI HUMA PPERSEGWITATI [MT:5:10]

Il-persekuzzjoni tal-Insara hija mistennija li tiżdied matul din is-sena, speċjalment f'ċertu pajjiżi bħalma huma l-Indja, iċ-Ċina u n-Niġerja, kif ukoll pajjiżi oħra bħalma huma l-Korea ta' Fuq, l-Eritrea u l-Pakistan. Huwa stamat li madwar 245 miljun persuna qed jiġu ppersegwitati minħabba r-reliġjon nisranija.

Bejn Jannar u Frar 2019 fl-Indja ġew irrapurtati 77 każ ta' vjolenza. F'każ minnhom, pulizija daħlu fi knisja waqt ċerimonja u arrestaw 4 nisa u żewġt irġiel. Lil waħda minn nisa tefgħula te jagħli f'ħalqha u mbagħad ilma ffriżat f'wiċċha. F'każ ieħor, żewġt irġiel Insara ġew maqtula minn membri li jipprattikaw reliġjon oħra għax allegaw li dawn l-irġiel kienu qed jagħtu nformazzjoni lill-pulizija. Persuna oħra sofra ġrieħi serji wara li ntefa' barra minn ġo ferrovija waqt li kienet mixja, minħabba li kellu numru ta' bibbja fil-basket tiegħu.


**Il-qofol ta' dan kollu intlaħaq bl-attakk fuq tlett knejjes u lukanda fi Sri Lanka**


Fiċ-Ċina għaddiet liġi li tipprojbixxi lit-tfal u żgħażagħ li jattendu ċerimonji fil-knejjes. Ħafna knejjes qed jiġu magħluqa u kull simbolu reliġjuż qed jitneħħa. Għalhekk qed ikollhom jiċċelebraw l-Ewkristija bil-moħbi fi djar privati fi gruppi ta' mhux aktar minn 15-il persuna.

Fin-Niġerja il-grupp Boko Haram attakkaw villaġġ fejn ħarqu sitt idjar, qatlu persuna u ħatfu żewġ tfajliet aħwa. F'villaġġ ieħor dan il-grupp ħarqu 26 dar, iddistruġġew kwantità ta' ikel, serqu numru ta' oġġetti u ħatfu tifel ta' 7 snin. Dawn l-aħbarijiet qatt ma jiġu rrapurtati fil-media.

Fir-Repubblika tal-Afrika Ċentrali inqatlu 30 persuna minn grupp imsejjaħ 3R. F'każ ieħor, Sr Ines Nieves Sancho qatgħulha rasha. Din is-soru kienet tieħu ħsieb nisa u tfajliet foqra.

Fil-Filippini intefgħu żewġ bombi fil-Kattidral tal-Madonna tal-Karmelu waqt il-quddies tal-Ħadd, fejn inqatlu 20 persuna.

Il-qofol ta' dan kollu intlaħaq bl-attakk fuq tlett knejjes u lukanda fi Sri Lanka f'nhar l-Għid il-Kbir fejn inqatlu 310 persuna. Ġie rrapurtat li dan sar bħala tpattija għall-attakk fuq żewġ moski fi Christchuch, New Zealand fejn kienu mietu 51 persuna.

Inħeġġukom biex titolbu għal ħutna l-insara biex iżommu sħiħ fil-fidi.

*John Sammut*


**MISSION FUND:** 500, Eureka Court, Blokk A, Flat 6,Triq il-Kbira, Mosta MST 1018 ***Ħinijiet tal-ftuħ:*** Tnejn sal-Ġimgħa 9.00 a.m. – 1.00 p.m.
**Tel:** (+356) 21413664 **E-mail:** missionfund@global.net.mt **Website:** www.missionfund.org.mt **Facebook:** www.facebook.com/globali.net.mt
**Reg No: VO/0015**

# IL-ĦIDMA TAL-MISSION FUND FIL-KENJA

*Joe Mifsud*



*Proġett 2000 - Impjant ta' Biogas f'Langata*

Il-Mission Fund ilha sa minn meta twaqqfet fis-sena 1984, tgħin permezz ta' donazzjonijiet regolari lill-missjunarji Maltin u Għawdxin kollha li offrew ħajjithom biex jgħinu lil ħuthom fil-Kenja.

Fis-sena 1997 il-Mission Fund bagħtet l-ewwel grupp ta' voluntiera li ħadmu għal xahar fuq proġett ta' skola tas-snajja għand is-soċi tal-Mużew f'Ruiru. Reġgħu marru fis-sentejn ta' wara fejn komplew fuq l-istess proġett.

Fis-sena 2000, meta rajna lil Patri Kapuċċin Mons Frans Baldacchino jilħaq Isqof fid-djoċesi ġdida ta' Malindi, il-voluntiera offrew xahar xogħol għand is-sorijiet Ulied il-Qalb ta' Gesu f'Langata. Inbena impjant Biogas li jibdel l-iskart organiku f'gas li jintuża biex jissajjar l-ikel kif ukoll biex jinxtelu lampi. Inbena ukoll maħżen għal baqar li l-ħalib tagħhom kien tant siewi għall-orfni. Fis-sena 2004 reġa sar proġett ieħor għand l-istess sorijiet din id-darba proġett ta' skola sekondarja f'Baħarini. Sentejn wara l-voluntiera għenu fil-bini ta' skola sekondarja f'Bakanja, proġett mitlub mill-Isqof Emanuel



*Proġett 2006 - Skola Sekondarja f'Bakanja*





*Proġett 2019 - Bini ta' Skola Sekondarja f'Ruiru*

Barbara fis-snin 2006, u snin wara fis-sena 2013 reġgħu għenu biex tkompli tikber l-istess skola.

Waslet is-sena 2019. 17 il-voluntier taħt it-tmexxija ta' John Sammut u Vince Xiberras u b'Fr Franco Fenech bħala Direttur Spiritwali għadhom kif ġew lura minn Ruiru fejn għenu fi proġett ta' bini ta' skola sekondarja f'Ruiru. Proġett ieħor tas-sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesu. Is-sorijiet jixtiequ jagħtu aktar dinjità u opportunità lil-bniet għax fil-Kenja jekk ikun hemm ċans li xi ħadd mill-ulied imur l-iskola, ikunu s-subien li jingħataw l-ewwel preferenza.

Ħafna drabi il-bniet jinżammu d-dar biex iġorru l-ilma lejn l-għarix jew jaħdmu fl-industrija tat-te għall-paga miżera.

**Dan il-proġett sar possibbli permezz ta' finanzjament sostanzjali bħala Għajnuna Uffiċċjali għall-Iżvilupp mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u l-Promozzjoni tal-Kummerċ tar-Repubblika ta' Malta** u għal dan il-Mission Fund tinsab grata.

Il-Mission Fund tixtieq tirringrazja lil benefatturi u tħeġġiġkom biex tkomplu titolbu għall-missjunarji kollha speċjalment dawk Maltin u Għawdxin li qed jobdu x-xewqa tal-Papa Franġisku billi joffru għajnuna lil min jgħix fil-periferija.



*Proġett 2019 - Bini ta' Skola Sekondarja f'Ruiru*

## PUBBLIKAZZJONI ĠDIDA – "25+ YEARS OF MISSIONARY EXPERIENCES"




B'inizjattiva ta' Saviour Farrugia għadu kemm ġie ppubblikat il-ktieb **"25+ Years of Missionary Experiences"**. Din il-pubblikazzjoni fiha ġabra ta' tagħrif dwar l-esperjenzi missjunarji li saru kull sena mill-1992 'l hawn. Minbarra r-ritratti bil-kulur tal-proġetti li saru tul dawn is-snin, dan il-ktieb fih intervisti mal-persuni li ħadu sehem f'dawn l-esperjenzi. Ktieb li mhux ta' min titlfu għax jerġa' jġiblek in-nostalġija tal-passat. **Prezz €10 BISS.** Ordna l-kopja tiegħek billi ċċempel l-uffiċċju. Id-dħul se jmur kollu għall-Mission Fund. Prosit ħafna lil Saviour għal din l-inizzjattiva.

# ATTIVITAJIET

### BUFFET BREAKFAST F'SAN ANTONIO HOTEL, IL-QAWRA

Il-Ħamis 26 ta' Settembru 2019,
Il-Ħamis 31 ta' Ottubru 2019, u ieħor
Il-Ħamis 28 ta' Novembru 2019

9:15 Quddiesa animata
10:15 Buffet Breakfast
11:15 Tombola

**PREZZ: €12.00**

### CHRISTMAS BUFFET LUNCH FIL-PARADISE BAY HOTEL, ĊIRKEWWA

Il-Ħadd 15 ta' Diċembru 2019

11:00 Quddiesa animata
12:30 Lunch
Menu: Varjetà ta' antipasto, soppa, laħam, ħut, insalata u deżerta

**PREZZ: € 25.00 (għall-adulti)**
**€ 12.00 (għat-tfal bejn 6 u 12-il sena)**

**TRANSPORT** għal dawn l-attivitajiet jiġi provdut għal min jeħtieġ għall-prezz ta' ***€5.00***
Għal aktar informazzjoni u bookings ċemplu l-uffiċċju ***(21413664)*** jew lil ***Charles Decelis (21575351 / 99885078)***

---

## Quddies għall-erwieħ tal-benefatturi tagħna

Noffri quddies b'suffraġju għar-ruħ / għall-erwieħ ta':

____________________________________________

____________________________________________

Qiegħed nibgħat donazzjoni ta' **€** ________ permezz ta' cheque / money order pagabbli lill-**MISSION FUND** għall-bżonnijiet tal-missjunarji.

**ISEM:** ____________________________________________

**INDIRIZZ:** ____________________________________________

____________________ **KODIĊI POSTALI:** __________ **TEL:** __________

Il-Quddiesa li se tiġi ċċelebrata waqt il-buffet breakfast tal-31 ta' Ottubru 2019 se tkun b'suffraġju għal dawn l-erwieħ kollha.

**NOTA: Jiena, hawn taħt iffirmat, nagħti l-kunsens tiegħi biex il-Mission Fund tibqa' żżomm id-dettajli personali tiegħi li jidhru hawn fuq inkun nista' nirċievi in-newsletter, il-magazine, il-kalendarju u l-pubblikazzjonijiet kollha tal-Mission Fund. Grazzi.**

Firma ____________________